MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2014

Numru. 381/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Mohamed Kheyre Heybe**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **Mohamed Kheyre Heybe** ta' 24 sena, iben Mohamed u Cibado xebba Ayan, imwieled s- Somalia nhar il-15 ta' Mejju 1990, residenti gewwa No:- 31, Flat 21, Itis Building, Triq il-Gzira, Gzira u detentur tal- Police Immigration no:- 13I-047 u karta ta' l-identita' Maltija bi numru:- 0111598A gie akkuzat quddiemha talli

**f'dawn il-Gzejjer nhar l- 24 ta' Awissu 2014:-**

**1.** Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona LLd nhar it-13 ta' April 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
3. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona LLd nhar it-13 ta' April 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22 (2) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li kkopera mal-Pulizija, u wkoll il-fatt li l-imputat ikkommetta ir-reat ta' pussess ta' cannabis waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li nghatat lilu ricentement u cioe fit-13 ta' April 2014.

Illi l-Qorti tista' titratta b'diversi modi mal-imputat. Pero fic-cirkostanzi il-Qorti jidhrilha illi l-imputat ma gharafx jiehu l-opportunita` li din il-Qorti, diversament presjeduta, taghtu permezz tas-sentenza tat-13 ta' April 2014 fejn kien inghata sentenza ta' sena habs sospiza ghal tlett snin. Nonostante li kien jaf li ghandu x-xabla ta' Demokle fuq rasu ghazel li jikkommetti reat iehor.

Illi l-Qorti tirrileva wkoll illi l-imputat wasal hawn Malta f'Lulju 2013 bhala immigrant illegali pero sussegwentement inghata certifikat ta' protezzjoni sussidjarja da parti tal-Kummissarju tar-Refugjati. Illi ghalhekk jirrizulta illi f'din is-sena li ilu Malta l-imputat wettaq xejn inqas minn zewg reati li jgorru maghhom piena ta' habs effettiv. Il-Qorti hija tal-opinjoni illi l-imputat irid jifhem illi jekk wiehed jinghata opportunita` mill-Qrati u ma jintbaghatx habs effettiv irid joqghod ghall-kundizzjonijiet imposti, fost ohrajn, li fil-perjodu operattiv ma jwettaq l-ebda reat iehor ta' natura volontarja.

Illi ghalhekk, il-Qorti, wara li hasbet fit-tul fuq il-piena idonea, hija tal-opinjoni li ghandha tidhol fis-sehh is-sentenza sospiza fil-konfront tal-imputat moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' April 2014.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali issib lill-imputat **Mohamed Kheyre Heybe** hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tlett (3) xhur prigunerja.

In oltre, il-Qorti wara li rat artikolu 28B tal-Kodici Kriminali qieghdha ddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tal-imputat permezz tas-sentenza tat-13 ta' April 2014 fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Mohamed Kheyre Heybe » per Magistrat Antonio Micallef Trigona u ghalhekk qieghdha tikkundannah ghal sena habs effettiva ghar-reati mwettqa fl-10 ta' April 2014.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tikkundanna lil **Mohamed Kheyre Heybe** ghal piena kumplessiva ta' **sena u tlett xhur habs effettivi.**

Finalment il-Qorti tordna li l-oggetti esebiti bhala Dok NS6 mill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tal-lum jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------